MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Mandat Numru. 13/2015/1

**Antonios Stompolidis K.I. Griega 299330 bhala mandatarju tas-socjeta` estera Chadborn Holdings bin-numru ta` registrazzjoni 154321**

***kontra***

**Cashpoint (Malta) Ltd C36107**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Ir-rikorrent noe pprezenta rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fil-<u>5 ta` Jannar 2015</u>.

Fil-5 ta` Jannar 2015, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent noe provvizorjament, tat lill-intimata ghaxart (10) ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 19 ta` Jannar 2015 fis-2.30 p.m.

L-intimat kien notifikat fil-5 ta` Jannar 2015 u pprezenta risposta bil-miktub fl-14 ta` Jannar 2015.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2015.

F`din l-udjenza xehdu tliet persuni : Matthias Cohlhaus ; Michael Wondra ; u Dr Martin Paar, u kienu prezentati dokumenti bhala prova mill-partijiet.

Wara li d-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, il-Qorti halliet ir-rikors ghal provvediment "*in camera*".

Dan huwa l-provvediment.

**II. It-talba**

Ir-rikorrent noe talab lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni sabiex izomm lill-intimat milli :-

*personalment jew permezz ta` terzi jigu inibiti milli jipprovdu s-servizzi elettronici nkluzi izda mhux limitat ghall-uzu tas-servers, flimkien mas-software u hardware propjeta` ta` / jew uzati mill-intimati u li huma allokati taht l-hotsing jew managed services provider BMIT Limited u jigu inibiti milli joperaw l-istess.*

**III. Il-pretensjoni tar-rikorrent noe**

Ir-rikorrent noe ma deherx fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2015.

Ghalhekk in kwantu jirrigwarda r-rikorrent noe, il-Qorti sejra toqghod fuq il-konferma guramentata tieghu tar-rikors promotur.

Ir-rikorrent noe jikkontendi li l-intimata llegalment kisret kuntratt bejn il-partijiet (fol 7 sa fol 11) bil-konsegwenza li s-socjeta` rikorrenti garrbet danni tal-inqas fl-ammont ta` €4,000,000.

**IV. Provi tar-rikorrent noe**

Mar-rikors promotur, kien prezentat kopja ta` l-*Agreement of Cooperation* bejn is-socjetajiet kontendenti.

Fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2015, xehed Matthias Cohlhaus. It-testimonjanza tieghu kienet tirrigwarda **biss** kalkolu ta` danni (Dok MC1) – u xejn dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet.

## V. **Id-difiza tal-intimata**

*Sintetikament*, il-kontestazzjoni tal-intimata hija li ma jirrizultawx ir-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat.

Fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2015, xehdu Michael Wondra u Dr Martin Parr illi fis-sostanza kkontestaw it-talba tar-rikorrent noe abbazi tal-fatt li l-*Agreement of Cooperation* fuq riferit ma kienx aktar jikkostitwixxi rabta bejn il-partijiet billi s-socjeta` rikorrenti rrizultat inadempjenti skond il-kuntratt meta ma lahqitx it-*turnover* prefiss fil-Klawsola 6 ; ghalhekk il-kuntratt kien xjolt fl-ahhar tal-2012 skond il-Klawsola 7(d) tal-istess kuntratt. Sostnew ukoll - permezz ta` dokumenti - li l-procediment tal-lum ma kellu qatt jigi istitwit ghaliex il-gurisdizzjoni dwar il-kaz kienet tispetta *ex contractu* lill-Awstrija tant bejn l-istess partijiet hija pendenti kawza dwar l-istess mertu fl-Awstrija. It-talba ghall-hrug tal-Mandat saret quddiem il-Qrati Maltin fil-pendenza tal-kawza dwar il-mertu quddiem il-Qrati tal-Awstrija.

## VI. **L-Art 873 tal-Kap 12**

Skond **l-ewwel subinciz tal-Art 873 tal-Kap 12** –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond **it-tieni subinciz** tal-istess artikolu –

*Il-Qorti* ***m`ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent `prima facie` jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

**Meqjusa flimkien iz-zewg subincizi, jirrizulta li sabiex jista` jinkiseb il-hrug tal-Mandat, iridu jissussistu flimkien tliet rekwiziti :-**

1) **Il-jedd *prima facie* tar-rikorrent ;**

2) **Il-pregudizzju tar-rikorrent ; u**

3) **Il-htiega ghar-rikorrent li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta`l-jedd.**

Dwar ir-rekwizit li "r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet", il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **"Grech pro et noe vs Manfre`"** qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Tajjeb li jinghad illi r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat **huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Li allura jfisser illi jekk imqar wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat. Tajjeb jinghad ukoll li l-procedura hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi m`huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta` provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, **il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli**. Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** din il-Qorti (**PA/JRM**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta` Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma` l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista` jitnehha, mqar b`decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

Din il-Qorti ssostni, ghall-kjarezza u skans ta` ekwivoci, li fil-procedura tal-lum mhuwiex il-kompitu taghha li tistabilixxi drittijiet ta` natura petitorja. Ir-rwol taghha specifikament ghall-fini tal-procedura tal-lum huwa, mill-kliem tal-ligi stess, ristrett u limitat, u cioe` mhux li tidhol fil-mertu, izda li tistabilixxi jekk fil-kaz tal-lum jirrizultawx sodisfatti r–rekwiziti ta` l-Art 873 tal-Kap 12. Hadd ma jista` jew ma ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun

propju din il-Qorti li tiddeciedi hi d-disputa ta` bejniethom bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

## VII. Risultanzi

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi r-rikorrent noe ma ressaqx prova tal-jedd *prima facie.* Ir-rikorrent noe ma gabx prova lanqas *prima facie* li kien hemm ksur tal-*Agreement of Cooperation* mal-intimata. Ix-xiehda ta` Matthias Cohlhaus bl-ebda mod ma tistabilixxi fejn sehh l-allegat *ksur illegali tal-kuntratt.* Billi fir-rikors promotur hemm biss allegazzjoni mhux prova *prima facie,* seta` jaghti hjiel ir-rikorrent noe bix-xiehda tieghu izda ghall-udjenza tas-smigh tar-rikors ma kienx prezenti biex jiddeponi. Dan kollu materjalment ifisser li mhijiex kontradetta mir-rikorrent noe x-xiehda ta` Michael Wondra u Martin Paar li l-*Agreement of Cooperation* kien xjolt minhabba inadempjenza da parti tas-socjeta` rikorrenti. Daqstant iehor mhijiex kontestata l-pretensjoni tal-intimata illi r-rikorrent noe ipprezenta r-rikors tal-lum hazin meta skond il-kuntratt ic-*choice of jurisdiction provision* kienet turi l-Qrati tal-Awstrija waqt li c-*choice of law provision* kienet turi l-ligi tal-Awstrija.

Ladarba tirrizulta karenti il-prova tal-jedd *prima facie* ma hemmx ghalfejn li l-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni taz-zewg rekwiziti l-ohra. Il-Qorti tinsisti illi sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-Qorti hija prekluza (*m`ghandhiex*) milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog.

**Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti, filwaqt illi qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-5 ta` Jannar 2015 safejn kienet laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrent noe, qeghda**

**tichad it-talba tar-rikorrent noe ghall-hrug tal-Mandat. Tordna lir-rikorrenti noe sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------